

7. *Atti tal-istituzzjonijiet — Kontestazzjoni inċidentali quddiem il-qorti nazzjonali tal-legalità ta' att tal-Unjoni fil-każ ta' rikors dirett kontra miżura nazzjonali ta' implementazzjoni — Għoti tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-miżura nazzjonali — Ammissibbiltà — Kundizzjonijiet — Kawża mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja permezz tar-rinviju preliminari għall-evalwazzjoni tal-validità — Dannu gravi u irreparabbli — Teħid inkunsiderazzjoni tal-interess tal-Unjoni (ara l-punt 49)*

Suġġett

Talba għas-sospensjoni parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 8289 finali, tal-14 ta' Diċembru 2010, dwar l-Għajjuna mill-Istat Nru C 38/2005 (ex NN 52/2004) mogħtija mill-Ġermanja favur il-grupp Biria.

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tat-22 ta' Ġunju 2011 — Mundipharma vs UASI — Asociación Farmaceuticos Mundi (FARMA MUNDI FARMACEUTICOS MUNDI)

(Kawża T-76/09)

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva FARMA MUNDI FARMACEUTICOS MUNDI — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti mundipharma — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)”

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprjetarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 30, 31)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-1 ta' Diċembru 2008 (Każ R 825/2008-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Mundipharma GmbH u Asociación Farmaceuticos Mundi.

Informazzjoni dwar il-kawża

Applikant għat-trade mark Komunitarja:	Asociación Farmaceuticos Mundi
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark figurattiva FARMA MUNDI FARMACEUTICOS MUNDI, għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 5, 35 u 39 — Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni Nru 4841136
Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjtal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	Mundipharma GmbH
Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	Reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 4304622 tat-trade mark mundipharma għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 5 u 44
Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:	Oppożizzjoni parzjalment miċħuda
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell miċħud

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Mundipharma GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) tat-28 ta' Ġunju 2011 — Oetker Nahrungsmittel vs UASI — Bonfait (Buonfatti)

(Kawża T-471/09)

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Buonfatti — Trade mark Benelux verbali preċedenti Bonfait — Nuqqas ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”

Trade mark Komunitarja — Defnizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprietarju ta’ trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta’ konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 56, 57, 86)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-UASI, tat-2 ta’ Ottubru 2009 (Każ R 340/2007-4), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Bonfait BV u Dr. August Oetker Nahrungsmittel KG.